MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 1057/2006

***Auto Sales Limited***

***versus***

**Paul Abdilla**

1. F’din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob mingħand il-konvenut il-ħlas ta’ ħamest elef, mitejn u ħdax-il lira u żewġ ċenteżmi (Lm5,211.02) – daqs tnax-il elf, mija u tmienja u tletin lira u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€12,138.41) – bilanċ tal-prezz ta’ vettura li l-konvenut xtara mingħandha. Qiegħda titlob ukoll l-imgħax u l-ispejjeż. B’nota tal-11 ta’ Diċembru 2009 is-soċjetà attriċi naqqset it-talba b’mitejn euro (€200).
2. Il-konvenut, għalkemm notifikat bl-atti u bl-avviż tas-smigħ, ma ressaqx eċċezzjonijiet, ma deherx u baqa’ kontumaċi, u ma għamilx sottomissjonijiet bil-miktub, għalkemm il-qorti tatu fakoltà jagħmel dan kif irid l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

3. Mix-xiehda mressqa miill-attriċi jidher illi tassew illil-konvenut għandu jagħti l-bilanċ imnaqqas mitlub mill-attriċi. Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħdax-il elf, disa' mija u tmienja u tletin lira u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€11,938.41) flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fir-rikors.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------